MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 198/2013

**Atlas Insurance PCC Limited (C 5601) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha John Caruana.**

**Vs**

**CedricZahra ID 18486(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-4 t' April, 2013 fejn is-socjeta' attrici talbet is-somma ta' seba' mija erba u erbghin ewro erba' u sebghin centezmu (€744.74) mitluba b'dan l-avviz tirrapprezenta d-danni sofferti mill-attur John Caruana, assigurat tas-socjeta' Atlas Insurance PCC Limited, u li ghalihom ghamlet tajjeb l-imsemmija socjeta' bhala indennizz a favur tal-assigurat taghha, bhala rizultat ta' incident li sehh fi Triq Clarence, l-Imsida, fit-13 ta' Settembru, 2012 (Dok.A) meta waqt li l-konvenut Cedric Zahra kien qed igor virga tal-hadid, laqat il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FBZ-796, li kienet qed tinstaq fl-imsemmija triq, propjeta' tal-assikurat tas-socjeta' attrici John Caruana u misjuqa minnu.

Ghaldaqstant, il-konvenut kien unikament responsabbli ghall-imsemmi incident u ghall-konsegwenzjali danni, rizultat ta' negligenza, traskuragni u imperizja.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-6 ta' MArzu, 2013, u bl-imghax legali b'effet mill-lum sad-data tal-pagament kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Il-konvenut debitament notifikat ipprezenta nota fit-2 ta' Mejju, 2013 fejn ecceppixxa illi:

1. Illi, in linea preliminari, in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dan l-Onorabbli Tribunal ratione materiae.

2. Preliminarjament wkoll is-socjeta' attrici ghandha taghti prova tas-surroga citata.

3. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenut m'ghandu ebda htija jew responsabilita' ghall-incident in kwistjoni.

4. Illi f'kull kaz u bla ebda pregudizzju ghas-suespost, l-ammont reklamat huwa eccessiv u ezagerat.

Dr Alessia Zammit McKeon ikkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont kif redott ta' hames mitt ewro (€500) ghadu dovut.

It-Tribunal huwa sodisfatt mill-provi li tressqu mis-socjeta' attrici u l-ammont mitlub ta' hames mitt ewro (€500) huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas l-ammont ta' hames mitt ewro (€500) bl-imghax legali mid-data tas-6 ta' Marzu, 2013 sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------